

22003D0140

12.2.2004

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 41/9

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 140/2003

tas-7 ta' Novembru 2003

li temenda l-Anness I (Materji veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness I mal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 102/2003 tas-26 ta' Settembru 2003 ⁽¹⁾.
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/100/KE tat-13 ta' Frar 2003 li tistabbilixxi l-ħtiġiet minimi sabiex jiġu stabbiliti programmi tat-tagħmir għalbiex jirreżistu l-enċifalopatiji sponġiformi trasmissibbli fin-nagħaġ ⁽²⁾ trid tiġi inkorporata fil-Ftehim.
- (3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/181/K tat-13 ta' Marzu 2003 li temenda d-Deċiżjoni 2002/657/KE rigward li jiġu ffixxati l-limiti minimi tat-twertiq tax-xogħol meħtieġa (il-MRPLs) għal ċerti fdalijiet fl-ikel ta' oriġini mill-annimali ⁽³⁾ trid tiġi inkorporata fil-Ftehim.
- (4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 650/2003 tal-10 ta' April 2003 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-importazzjon tan-nagħaġ u l-mogħoż ħajjin ⁽⁴⁾ irid jiġi inkorporat fil-Ftehim.
- (5) Din id-Deċiżjoni ma tridx tapplika għall-Islanda u l-Liechtenstein,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Kapitolu I ta' l-Anness I mal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. l-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 12 (ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) fil-parti 7.1:

“– **32003 R 0650**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 650/2003 tal-10 ta' April 2003 (ĠU L 95, tal-11.4.2003, p. 15).”

2. l-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 19 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/657/KE) fil-parti 7.2:

“kif emendata bi:

– **32003 D 0181**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/181/KE tal-13 ta' Marzu 2003 (ĠU L 71, tal-15.3.2003, p. 17).”;

⁽¹⁾ ĠU L 331, tat-18.12.2003, p. 8.

⁽²⁾ ĠU L 41, ta' l-14.2.2003, p. 41.

⁽³⁾ ĠU L 71, tal-15.3.2003, p. 17.

⁽⁴⁾ ĠU L 95, tal-11.4.2003, p. 15.

3. il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 19 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/657/KE) fil-parti 7.2:

“20. **32003 D 0100:** Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/100/KE tat-13 ta' Frar 2003 li tistabbilixxi l-ħtiġiet minimi sabiex jiġu stabbiliti programmi tat-tagħmir għalbiex jirreżistu l-enċifalopatiji sponġiformi trasmissibbli fin-nagħaġ (ĠU L 41, ta' l-14.2.2003, p. 41)”.

Artikolu 2

Għandhom ikunu awtentiċi t-testi tad-Deċiżjonijiet 2003/100/KE u 2003/181/KE u tar-Regolament 650/2003 fl-ilsien Norveġiż, li jridu jiġu ppubblikati fis-Suppliment għaż-ŻEE mal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-8 ta' Novembru 2003, sakemm in-notifiki kollha skond l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu ġew magħmula lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-taqsimha ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* u fis-Suppliment għaż-ŻEE tiegħu.

Magħmula fi Brussel, fis-7 ta' Novembru 2003.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

HSH PRINZ NIKOLAUS von LIECHTENSTEIN

(*) Ma huma indikati l-ebda ħtiġiet kostituzzjonali.